# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM*
# U TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA STUDJI SOĊJALI - ĠENERALI ĦIN: Siegħa u 45min**

**Isem:** ________________________________________ **Klassi:** ______________

**TAQSIMA A**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

Nużaw il-kelma '**gender**' biex infissru d-differenza li ħolqot is-soċjetà fil-kultura tagħha bejn ir-raġel u l-mara. Għalkemm ninsabu fis-seklu wieħed u għoxrin naraw li għadha teżisti **diskriminazzjoni** bejn iż-żewġ sessi f'kull qasam tal-ħajja u f'kull soċjetà. Minkejja li fis-soċjetajiet tal-punent qegħdin nimxu lejn l-**emanċipazzjoni** tar-rwol femminil u hemm dejjem għarfien għall-importanza tal-mara fis-soċjetà, xorta waħda għad hemm ħafna xi jsir.

Naraw li għalkemm in-nisa huma aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja, bil-kemm huma rappreżentati fil-parlamenti kollha madwar id-dinja. Huma neqsin ukoll f'oqsma importanti għall-iżvilupp bħall-ekonomija, id-dinja finanzjarja, il-*business*, is-servizz ċivili, it-*trade unions*, il-partiti politiċi u kumitati u kummissjonijiet maħtura mill-gvern.

Id-deċiżjonijiet li qegħdin jittieħdu dwar ħajjithom qegħdin jittieħdu mill-irġiel. In-nisa rnexxielhom jevolvu rwieħhom b'suċċess akbar f'għaqdiet li jagħmlu pressjoni dwar temi globali bħall-ambjent u l-paċi.

1. Agħti tifsira ta' dawn il-kelmiet f'mhux inqas minn ħmistax-il kelma kull waħda.

   a. Gender  b. Diskriminazzjoni  ċ. Emanċipazzjoni

   (6 marki)

2. Fisser fi kliemek u spjega billi tagħti eżempji: 'Naraw li għalkemm in-nisa huma aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja, bil-kemm huma rappreżentati fil-parlamenti kollha madwar id-dinja'. (4 marki)

3. Kif tista' l-kultura taffettwa r-rwoli tal-mara u r-raġel? Spjega billi tagħti eżempji minn kulturi differenti. (5 marki)

4. Ma' liema tip ta' xogħlijiet hija marbuta l-mara? Agħti erba' eżempji. (5 marki)

5. Xi żviluppi saru favur ir-rwol tal-mara fis-soċjetà Maltija? Taħseb li l-għaqdiet favur il-mara qed jgħinu f'dan il-qasam? Agħti l-kummenti tiegħek. (5 marki)

6. Xi rwol kellu l-femminiżmu fl-emanċipazzjoni tal-mara? (5 marki)

**Total 30 marka**

**TAQSIMA B**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

Integrazzjoni speċjali tfisser li kull membru tas-soċjetà jingħata ċ-ċans bi dritt li jipparteċipa b'mod attiv f'dik is-soċjetà.

Il-gruppi ta' minoranza huma dawk li l-aktar li jsibu ruħhom emarġinati. Illum is-soċjetà qed taħdem bis-sħiħ biex dawn il-gruppi ta' nies ma jibqgħux maqtugħin mis-soċjetà. Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Att 2000) Persuni b'Diżabilità fit-taqsima dwar ix-xogħol, titkellem dwar opportunitajiet u tindirizza problemi ta' diskriminazzjoni.

Fil-Liġi dwar l-Impjiegi ta' persuni b'diżabilità ta' l-1969, kif ukoll il-Liġi Opportunitajiet Indaqs ta' l-2000, hemm provvediment li jaħseb biex 2% ta' l-impjegati f'azjendi kbar ikunu persuni b'diżabilità.

Ir-refuġjati wkoll jiltaqgħu ma' diffikultajiet u jħossuhom emarġinati. Fit-28 ta' Lulju 1951 twaqqfet il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati. L-Att Lokali 2000 dwar ir-Refuġjati huwa msejjes fuq il-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1951.

1. X'tifhem bi 'gruppi ta' minoranza'? (3 marki)

2. Semmi tliet gruppi ta' nies li huma esklużi mis-soċjetà. (3 marki)

3. Minbarra fuq ix-xogħol, il-Liġi Opportunitajiet Indaqs titkellem fuq affarijiet oħra. Semmi tnejn minnhom u agħti tagħrif fuq waħda minnhom. (5 marki)

4. Xi jrid isir fuq il-post tax-xogħol biex jiġu integrati nies b'diżabilità? (4 marki)

5. X'tip ta' preġudizzji jiltaqgħu magħhom persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol? (5 marki)

6. X'tip ta' diffikultajiet jiltaqgħu magħhom ir-refuġjati fuq il-post tax-xogħol? (5 marki)

7. Semmi xi ftit mid-drittijiet li għandhom ir-refuġjati meta jingħataw l-istatus ta' refuġjat? (5 marki)

**Total 30 marka**

## TAQSIMA Ċ

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb mhux anqas minn 150 kelma.**

1. X'differenza tgħaddi bejn il-pajjiżi ta' l-Ewwel Dinja u l-pajjiżi tat-Tielet Dinja?

2. Liema huma l-aġenti ta' soċjalizzazzjoni? Agħżel aġent ta' soċjalizzazzjoni wieħed u ikteb dwar l-importanza tiegħu fil-ħajja ta' l-individwu.

3. X'differenza tgħaddi bejn familja 'tradizzjonali' u familja hekk imsejħa 'moderna'?

4. Il-qagħda tar-refuġjati f'Malta. **Total 15-il marka**

## TAQSIMA D

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb fit-tul.**

1. Dawn l-aħħar tletin sena Malta kellha livell għoli ta' mobilità residenzjali.
   a. Xi tfisser il-frażi 'mobilità residenzjali'?
   b. Iddiskuti x'wassal għal din il-mobilità residenzjali.

2. L-anzjani huma spiss diskriminati u jkollhom jgħixu ħajja iżolata.
   a. Iddiskuti r-raġunijiet wara din id-diskriminazzjoni.
   b. X'tista' tagħmel is-soċjetà biex dawn l-anzjani ma jsibux ruħhom maqtugħin mis-soċjetà?

3. Il-qasma fil-ġid bejn il-pajjiżi tat-tramuntana u dawk tan-naħa t'isfel tal-globu hija ċara.
   a. Ikkumenta dwar il-qagħda tal-pajjiżi li qed ibatu l-faqar u l-problemi li għaddejjin minnhom.
   b. X'jistgħu jagħmlu l-pajjiżi żviluppati biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw?

4. Il-mara llum hija emanċipata. Madankollu ma jfissirx li ma għadx fadal diskriminazzjoni bejn iż-żewġ sessi.
   a. Ikteb dwar it-tibdiliet li għaddiet minnhom il-mara Maltija.
   b. X'tip ta' diskriminazzjoni għadha tiltaqa' magħhom il-mara?

**Total 25 marka**